**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum 22 ta' Lulju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**Vs**
**Dejan Lijeskic sive Dejan Zunic detentur ta karta ta l-identita` 33683A kif ukoll bin-numru 132452A.**

Kumpilazzjoni Nru. 353/2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dejan Lijeskic** talli:

1. Fid-9 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-0500hrs ikkommetta serq ta' flus kontanti minn gewwa 'Izibet', li jinsab gewwa Triq ix-Xatt, Msida, liema serq huwa aggravat bil-Mezz, bil-Hin u anka bil-valur li jeccedi is-somma ta euro 2329.37 ghad- detriment tal-Gaming Operations Limited, jew xi entita` jew persuna ohra;
2. Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-0445hrs ikkommetta serq ta sellun minn minn sit ta kostruzzjoni gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, liema serq huwa aggravat bil-hin u anka bl-ammont li jeccedi il-232.94euro imma ma jaccedix is-somma ta euro 2329.37 ghad-detriment ta Ryan Mallia.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, il-fedina penali tieghu, ic-cirkostanzi tal-kaz fejn jirrizulta li l-imputat mhux talli m'ghandhux residenza fissa izda apparentement lanqas identita` fissa u dan peress li ghal xi raguni rnexxielu jikseb karti tal-identita` b'ismijiet differenti! Il-fatt li l-ammissjoni saret fi stat ferm bikri tal-proceduri wkoll inghatat il-piz dovut fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, hekk kif inghata piz il-fatt li mhux tollerabbli li jkompli jitkattru fi Gziritna reati kommessi minn barranin.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 261, 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Inoltre` tirrikmanda li galadarba jkun skonta s-sentenza fuqu imposta jittiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lill-Ufficjal Principali Ghall-Immigrazzjoni ai termini tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-hati jitnehha minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**